MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 896/2014

**Adrian Grech (K.I. 397079 M) u**

**Samara Grech (K.I. 2679 G)**

**vs.**

**James Falzon**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat il-15 t'Ottubru, 2014;

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat iz-17 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu, wara li:

2.1. Iddikjarat li rat ir-rikors promotur fuq indikat;

2.1. Ordnat in-notifika ta' l-istess lill-kontroparti ghar-risposta fit-terminu hemm indikat;

2.2. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh fid-data hemm indikata, (ara foll 1 u 4);

3. Rat ir-risposta datata t-12 ta' Novembru, 2014, (ara foll 46);

4. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi qabel xejn hi obbligata tirrileva s-segwenti fil-konfront ta' l-intimata Samara Grech:

6.1. Illi fl-okkju fir-rikors promotur odjern l-imsemmija intimata hi indikata li ggib il-karta ta' l-identita` bin-numru 2679 G, (ara foll 1);

6.2. Illi din l-istess identifikazzjoni numerika tidher ukoll esebita a foll 6, 7, 12, 13, 20, 27, 34 u 40, li huma effettivament fotokopji ta' l-istess zewg dokumenti ripetutament u inultilment esebiti in atti;

6.3. Illi pero` fir-risposta ta' l-istess intimati odjerni, ghalkemm jirrizulta li dawn zammew l-istess okkju ikkoncernat, senjatament li din il-procedura odjerna hi stralc tal-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1561/14 fl-ismijiet hemm premessi, (ara foll 1), l-intimata Samara Grech giet issa identifikata b'numru differenti, senjatament 102945 M, u dan kemm fl-okkju tal-istess risposta tat-12 ta' Novembru, 2014, u fl-indikazzjoni sussegwenti, (ara foll 46);

6.4. Illi b'referenza ghal-mod kif l-istess intimata odjerna in dizamina tidher indikata fil-fotokopja mmarkata Dok 'A' annessa ma' l-istess risposta in dizamina, (ara foll 50), *stante* li l-fotokopja mhix daqstant cara, d-diskrepanza li tirrizulta qed tigi injorata;

Ikkunsidrat:

7. Illi nonostante id-diskrepanza riskontrata, *stante* li l-abbli rapprezentanti legali ghazlu li jittrattaw ir-rikors odjern minghajr ma jindirizzaw l-istess diskrepanza u minghajr ma jitolbu xi korrezzjoni fir-rigward, din il-qorti hi sodisfatta li l-istess kontendenti qed jiehdu li l-imsemmija intimata Samara Grech, indikata kif inhi b'zewg (2) numri tal-karta ta' l-identita` differenti, hi effettivament l-istess persuna, u konsegwentement, qed tikkonsidra lill-imsemmija intimata odjerna f'dan is-dawl hi wkoll;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi b'rilevanza ghall-procedura odjerna r-rikorrenti Falzon sintetikament jesponi s-segwenti:

8.1. Illi fid-9 t'Ottubru, 2014, l-intimati odjerni kienu talbu u sussegwentement ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi ghall-ammont ta' mija u tmintax –il elf, seba` mija, tmienja u disghin Ewro, (€118,798.00), in kawtela tad-drittijiet taghhom ghal danni allegatament lilhom ikkagunati;

8.2. Illi l-proceduri mehudin mill-intimati odjerni kontra r-rikorrenti odjern kienu abbuzivi u intizi biex jimblukkawlu n-negozju u jaghmlu hsara lir-reputazzjoni tieghu;

8.3. Illi hemm ragunijiet *ai termini* tal-artiklu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex l-imsemmi sekwestru fuq indikat jigi revokat *contrario imperio*;

8.4. Illi r-rikorrenti ma pprezenta l-ebda mandat f'ismu fil-konfront tal-intimati odjerni;

8.5. Illi l-intimati odjerni ghandhom juru kif wasslu ghall-ammont minnhom indikat fis-sekwestru *de quo* minnhom mitlub u ottenut;

8.6. Illi l-intimati odjerni ghandhom juru *prima facie* li ghandhom bazi ghall-pretensjoni in dizamina taghhom;

8.7. Illi ghalhekk il-mandat in dizamina ghandu jigi revokat *a tenur* ta' l-artiklu 836 (1) (d) tal-Kap 12 fuq riferit *stante* li *prima facie* il-mandat mhux gustifikat;

8.8. Illi *di piu`*, ghandu wkoll jigi revokat *ai termini* tal-artiklu 836 (1) (f) tal-istess Kap 12 fuq indikat *stante* li mhux ragonevoli li jibqa` jinzamm fis-sehh;

8.9. Illi hemm ukoll ragunijiet biex l-intimati odjerni jigu kkundannati jhallsu penali *ai termini* tal-artiklu 836 (8) (b) tal-istess Kap fuq indikat *stante* li ma wrewx il-htiega ghall-hrug tal-istess sekwestru u m'interpellawx lill-intimati fl-atti tal-imsemmi sekwestru biex ihallsu l-ammont dovut fit-terminu preskritt qabel il-hrug tal-istess mandat in dizamina;

8.10. Illi *di piu`*, it-talba ghall-hrug tal-istess sekwestru kienet malizjuza, frivola u vessatorja;

8.11. Illi l-iskop tal-mandat *de quo* kien biss biex ir-rikorrenti odjern jitpogga f'posizzjoni skomda u bhala kienet maghmula b'animu vendikattiv ghaliex kien ippartecipa f'kawza kontra l-intimati odjerni;

8.12. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ghadha tirrevoka l-mandat ta' sekwestru *de quo contrario imperio*;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi b'rilevanza ghall-procedura odjerna l-intimati konjugi Grech, min-naha taghhom, jesponu sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi joggezzjonaw ghat-talba tar-rikorrenti odjern li l-qorti tirrevoka il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in dizamina;

9.2. Illi l-istess rikorrenti odjern li f'dawn l-atti qed jilmenta mis-sekwestru ottenut mill-intimati odjerni, min-naha tieghu gia` ottjena sekwestru fil-konfront tal-istess intimati u anke pproceda b'mod abbuziv bi proceduri ohra kontra taghhom biex jaghmel pressjoni indebita fuq l-istess intimati odjerni;

9.3. Illi r-rikorrenti odjern isostni affermazzjonijiet inveritjeri fir-rikors tieghu *stante* li mhux minnu dak li jallega li ma intavola l-ebda mandat f'ismu kontra l-intimati odjerni konjugi Grech, (ara sekwestru numru 932/13 a foll 50);

9.4. Illi mhux minnu li r-rikorrenti odjern ghandu jiehu l-ammont indikat fis-sekwestru msemmi fil-paragrafu precedenti;

9.5. Illi fl-uniku negozju li sehh bejn il-kontendenti odjerni r-rikorrenti thallas l-ammont kollu lilu dovut mill-intimati odjerni;

9.6. Illi bil-mandat tieghu fuq riferit, ir-rikorrenti odjern qed igieghel lill-intimati odjerni jbaghtu *stante* li twaqfitilhom il-facilita` bankarja li biha kienu jinnegozjaw;

9.7. Illi ghalhekk l-intimati odjerni kienu kostretti jieqfu min-negozju li kellhom;

9.8. Illi in effetti r-rikorrenti odjern gia` thallas l-ammont li hu qed jippretendi fi proceduri ohra;

9.9. Illi c-cirkostanzi bejn il-kontendenti ma inbidlux u konsegwentement, il-mandat in dizamina ghandu jibqa` jissussisti;

9.10. Illi *stante* li l-azzjonijiet minnhom mehuda kienu kollha skont il-ligi, l-intimati odjerni jsostnu li m'ghandhom jigu akkollati bl-ebda penalitajiet kontemplati fil-ligi;

9.11. Illi in vista tal-premess it-talbiet kollha tar-rikorrenti odjern ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi minn ezami tal-fatti kif fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

10.1. Illi din hi procedura taht l-artiklu 836 (1) tal-Kap 12 naxxenti minn mandat ta' sekwestru precedentement mahrug fil-konfront tar-rikorrenti odjern mill-intimati konjugi Grech;

10.2. Illi t-talba odjerna inoltrata mir-rikorrenti Falzon sintetikament titlob ir-revoka tal-mandat *de quo* ghar-ragunijiet fuq esposti;

10.3. Illi in risposta, l-intimati odjerni jsostnu li l-mandat ta' sekwestru *de quo* ottenewh a bazi tal-ligijiet ta' Malta u dan, *stante* li *prima facie* hemm ragunijiet bizzejjed li jiggustifikaw il-hrug ta' tali mandat kontra r-rikorrenti odjern;

10.4. Illi *di piu`*, filwaqt li l-imsemmi rikorrenti odjern qed jilmenta mill-procedura mehuda fil-konfront tieghu mill-intimati odjerni, jirrizulta li hu stess ha proceduri simili fil-konfront tal-intimati

odjerni fejn it-talba taghhom ghar-revoka tal-istess kienet michuda;

Ikkunsidrat:

11. Illi l -procedura odjerna tirrivela li l-intimati ghandhom lanjanza fil-konfront tar-rikorrenti odjern liema lanjanza qed tigi dibattuta fis-*sede opportuna*;

12. Illi l-azzjoni tal-intimati odjerni hawn analizzata ma tirrizultax li hi xi wahda straordinarja izda tirrizulta li hi biss procedura naxxenti mir-relazzjoni hazina li zviluppat bejn il-kontendenti u hi biss espressjoni tad-drittijiet processwali stabbiliti fil-ligi biex l-istess intimati jittutelaw il-pretensjonijiet taghhom;

13. Illi ghalhekk hu pacifiku li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq riferit hu biss espressjoni reali ta' pretensjoni legittima *prima facie* allegata mill-intimati;

14. Illi jekk tali pretensjoni *prima facie* eventwalment tiffjorixxix fi stat ta' decizjoni kurjali fil-konfront tal-kontendenti hi kwistjoni ohra li ghad trid tigi epurata;

15. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li kull min legittimament jinvoka u jutilizza l-procedura legali impoggija statutorjament ghad-disposizzjoni tieghu ma jkunx qed jilledi d-drittijiet ta' terzi izda biss jittutela l-pretensjonijiet legittimi tieghu u ghalhekk jimmerita t-tutela tal-ordinament guridiku u mhux li jigi ghalhekk penalizzat kif qed jippretendi r-rikorrenti odjern;

**DECIDE:**

16.0. Illi konsegwentement, in vista tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti odjern James Falzon ma pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi u ghalhekk:

16.1. Tiddikjara li qed tirrespingi ir-rikors promotur;

16.2. Takkolji r-risposta tal-intimati Adrian u Samara konjugi Grech;

0

16.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti James Falzon.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------